**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Frar, 2002

**Numru 27**

**Avviz. numru 22/02JR**

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Saviour Dalli**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta' attrici fis-7 ta' Jannar, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf wiehed u tmenin lira Maltija u sebgha u tletin centezmu (Lm1081.37) bilanc minn somma akbar prezz ta' merkanzija varja lilu mibjugha u kkonsenjata fil-hanut Salcoth Self Service, Bishop Scicluna Street, Qormi;**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-interpellazzjoni legali tas-17 ta' Settembru, 2001, u bl-imghaxijiet legali mill-istess data, bl-ispejjez tal-mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru pprezentati kontestwalment, u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata fis-7 ta' Frar, 2002, li biha rriduciet t-talba ghall-disa' mija wiehed u tmenin lira Maltija sebgha u tletin centezmu (Lm981.37).**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Ramon Rossignaud ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont kif ridott ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici kif ridotta tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' disa' mija wiehed u tmenin lira Maltija sebgha u tletin centezmu (Lm981.37) bl-imghaxijiet legali tas-17 ta' Settembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-interpellazzjoni legali tas-17 ta' Settembru, 2001, u dawk tal-mandati kawtelatorji ta' Qbid u Sekwestru**

**pprezentati kontestwalment, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**